MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tad-29 ta' Marzu, 2004

Numru 130/2003

**Il-Pulizija**
**Spettur Michael Mallia**
v

**JOSEPH SCERRI**
**CHRISTOPHER SPITERI**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputati **JOSEPH SCERRI** ta' erbgha w tletin sena bin l-mejjet Joseph u Mary nee Azzopardi, imwieled H'Attard nhar l-erbgha w ghoxrin ta' Frar 1968 u residenti 48, Triq San Luqa, San Pawl il-Bahar, detentur tal-karta tal-identita numru 169168M u **CHRISTOPHER SPITERI** ta' hamsa w ghoxrin sena bin l-mejjet Salvu u Anna nee Galea, imwieled l-Imtarfa nhar l-wiehed u tletin ta' Ottubru 1977 u residenti 61, Triq il-Markiz Scicluna, Naxxar,

detentur tal-karta tal-identita numru 550077M gew mressqa quddiemha akkuzati;

1. Talli fil-wiehed u tletin ta' Jannar 2003, ghall-habta ta' l-hdax u nofs ta' filghodu fin-Naxxar, ikkommettew serq ta' payphone u flus kontanti li l-valur taghhom jeccedi l-mitt lira izda inqas minn elf lira maltin minn fond bl-isem 'Scott Supermarket', li hu sitwat fi Vjal l-Wiehed u Ghoxrin ta' Settembru, Naxxar, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, valur u li sehh ghad-dannu ta' Anthony Azzopardi;

2. Talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi differenti, xjentement laqghu ghandhom hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat sew jekk sar f'Malta kif wkoll barra minn Malta jew xjentement b'kull mod li jkun, indahlu sabiex inbieghuhom jew imexxuhom, liema oggetti misruqa gw minn reati ta' serq ikkwalifikat bil-mezz u bil-valur;

3. Talli f'dawn il-Gzejjer, nhar l-wiehed u tletin ta' Jannar 2003, kellhom fil-pussess taghhom d-droga eroina, specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta meta ma kienux fil-pussess ta' awtorizazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahruga mit-Tabib Principali tal-Gvern skond d-disposizzjonijiet tar-raba w is-sitt taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienux bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzati li jimmanifatturawha jew li jfornu d-droga imsemmija u meta ma kienux b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollhom d-droga msemmija fil-pussess taghhom u naqsu li jippruvaw li d-droga msemmija giet fornuta lilhom ghal uzu taghhom skond r-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bik ksur tar-regolament 8 tar-Regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolu [GN 292/1939] kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligiijet ta' Malta;

4. Talli rrendew ruhhom recidivi ai termini tal-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta meta nstabu hatja b'diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta liema sentenzi saru definittivi u li ma jistghux jigu midbula jew imhassra;

5. **Joseph Scerri wahdu** akkuzat talli kiser il-provvediment tal-probation artikolu 5 u 9 tal-Kap 152 tal-Ligijiet ta' Malta b'sentenzi moghtija lilu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fid-disgha ta' Settembru 2002 u fit-tmienja ta' Ottubru 2002 rispettivament;

6. **Christopher Spiteri wahdu** akkuzat talli kkommetta reat li ghalih hemm piena ta' prigunerija waqt l-perjodu operattiv ta' zewg sentenzi sospizi moghtija lilu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fid-disgha w ghoxrin ta' Ottubru 1999 u fit-tlieta w ghoxrin ta' Frar 2001 rispettivament;

7. **Christopher Spiteri** akkuzat talli kiser il-provvediment tal-probation artikolu 5 u 9 tal-Kap 152 tal-Lijigiet ta' Malta b'sentenza moghtija lilu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) nhar l-hmistax ta' Frar 2002.

Semghet lix-xhieda kollha prodotta mill-Prosekuzzjoni.

Rat d-dokumenti kollha esibiti f'dawn l-atti fosthom l-kunsens tal-Avukat Generali esibit fl-atti a fol 10, datat erbgha ta' Frar 2003 sabiex din il-kawza tigi trattata bi procedura sommarja.

Rat il-Fiat tal-Avukat Generali ai termini tas-sub artikolu 2 tal-artikolu 22 tal-Ordinanza dwar l-Medicini Perikoluzi [Kap 101] esibiti a fol 11 u 12 tal-atti.

Semghet lil imputati jiddikjaraw li ma kellhomx oggezzjoni li l-kaz taghhom jigi trattat u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferita.

Semghet lil Ufficjal Prosekutur jiddikjara fis-seduta tal-ewwel ta' Marzu 2004 li fir-rigward tal-imputat Christopher Spiteri, iz-zewg sentenzi sospizi li huwa kien nghata mill-Qorti tal-Magistrati nhar d-disgha w ghoxrin ta' Ottubru 1999 u tlieta w ghoxrin ta' Frar 2001 diga gew rezi operattivi permezz ta' sentenza ohra moghtija wkoll mill-Qorti tal-Magistrati nhar s-sebgha ta' Frar 2003 [vide fol

180] u ghalhekk il-Qorti mhux ser tiehu konjizzjoni ulterjuri ta' tali akkuza.

Il-Prosekuzzjoni esibit l-istqarrija tal-imputati a fol 37 et seq tal-process u minn ezami tal-istess jirrizulta li **fid-dokument MM 1, Christopher Spiteri jammetti** s-segwenti:

1. Illi nhar l-wiehed u tletin ta' Jannar 2003, huwa flimkien ma terzi ha d-droga Eroina waqt li kienu f'villa fil-Manikata;
2. Illi huwa qabad u qaccat b'sikkina wire tat-telefon set li seraq minn gol-fond ta' Scott Supermarket fin-Naxxar;
3. Illi fil-kaxxa tata-telefon kien hemm hamsin lira maltlin u bihom xtara gramma Eroina.

Illi **Joseph Scerri fl-istqarrija tieghu** esibita a fol 39 tal-atti odjerni markata bhala dokument MM 2, **jammetti** is-segwenti:

a. Illi dakinhar tal-wiehed u tletin ta' Jannar 2003 huwa ha d-droga Eroina flimkien ma terzi persuni fil-Manikata wara li kien xtraha minn Hal Qormi
b. Illi huwa dahal ma Christopher Spiteri sabiex jisraq t-telefon sett li kien hemm mal-hajt fis-Supermarket Scott w in effetti fil-presenza tieghu, Christopher Spiteri qata l-wire u telqu jigru t-tnejn 'l barra bih;
c. Illi l-flus kontanti f'dan it-telefon jghid li kienu disgha w erbghin lira u erbghin centezmu u li bihom rega' xtara d-droga.

Ghalhekk dwar l-akkuza ta' serq per se, din tirrizulta sodisfacentement.

Dwar l-aggravju tal-valur, il-Qorti ezaminat dak li qal Alfred Attard li huwa telephones technician [fol 172], u dak li qal Anthony Azzopardi li jahdem mas-socjeta Shigo Teletwist a fol 136, minn fejn nxtara l-payphone in kwistjoni u jirrizulta li l-payphone inxtara fiss-ena 1996 ghal prezz ta' tmenin lira maltin. Illi ghalhekk wara sebgha snin zgur li l-

valur ta' dan il-payphone nizel bin-nofs u ghalhekk il-probabilita hu li l-valur tal-payphone ma jeccedix l-hamsin lira maltin u b'hekk flimkien mal-hamsin lira li nsterqu mill-payphone l-ammont misruq ma jeccedix l-mitt lira u ghalhekk l-aggravju tal-valur ma giex ppruvat b'mod sodisfacenti mill-Prosekuzzjoni, kif del resto stqarret l-istess Difiza .

Illi l-akkuza ta' ricettazzjoni ma hemmx dubbju li nghatat mill-Prosekuzzjoni bhala akkuza alternattiva ghal akkuza ta' serq u peress li din il-Qorti qed ssib lil imputati hatja tal-akkuza ta' serq, ma hiex qed ssibu hati tal-akkuza ta' ricettazzjoni u konsegwentement tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri taghha.

Illi nhar t-tlettax ta' Awissu 2003 l-imputat Joseph Scerri fil-presenza tal-avukat difensur tieghu Dottor Lynn Zahra, irregistra ammissjoni ghal akkuzi kollha kif addebitati fil-konfront tieghu u ghalhekk a bazi ta' din d-dikjarazzjoni, salv u b'eccezzjoni ghal akkuza ta' ricettazzjoni, il-Qorti qed issib lil imputat Joseph Scerri hati tal-akkuzi kollha kif addebitati lilu.

Dwar l-akkuza ta' recidiva moghtija fil-konfront tal-imputat Christopher Spiteri, il-Qorti rat s-sentenza esibita a fol 59 tal-process markata bhala dokument MM u jirrizulta minn ezami tal-istess u tax-xhieda ta' l-espert Ray D'Anastas nhar l-hdax ta' Marlzu 2003, l-imputat odjern kien diga instab hati ta' reat ta' serq u gie kkundannat piena karcerarja ta' tmien xhur sospizi ghal erbgha snin.

**Illi ghalhekk l-akkuza ta' recidiva fil-konfront tal-imputat Christopher Spiteri tirrizulta wkoll ppruvata b'mod sodisfacenti.**

Illi dwar l-akkuza moghtija fil-konfront tal-imputat Christopher Spiteri li hu kiser il-provvediment tal-Probation moghti lilu mill-Qorti tal-Magistrati nhar l-hmistax ta' Frar 2002, il-Qorti ezaminat bir-reqqa l-process u minn ezami tal-istess ma jirrizultax li din s-sentenza giet esibita fl-atti, wisq inqas li l-Prosekuzzjoni ressqet lil Ufficjal Prosekutur

sabiex jikkonferma l-identita tal-imputat Christopher Spiteri fil-konfront ta' din s-sentenza.
Ghalhekk sabiex tirrikapitola, din il-Qorti tiddikjara li qed issib lil imputat Joseph Scerri hati tal-akkuzi kollha salv dik ta' ricettazzjoni u l-aggravju tal-valur u lil imputat Christopher Spiteri hati tal-akkuza ta' serq semplici, pussess ta' droga u tar-recidiva u tilliberah mill-akkuza li kkommetta reat waqt l-operat ta' probation order.

Dwasr il-piena, il-Qorti rat il-fedina penali taz-zewg imputati kif esibita mill-Prosekuzzjoni u jirrizulta li z-zewg imputati ghandhom diversi konvizzjonijiet w inghataw kull tip ta' piena possibbli u cioe amendi, multi, unconditional discharges, probations, sentenzi sospizi u prigunerija effettiva u dan nonostante ma tghallmux mill-esperjenzi taghhom tant li regghu qeghdin quddiemha bhala imputati.

Illi jirrizulta li l-imputati ghandhom problema ta' abbuz ta' droga pero ma humiex qeghdin jindirizzawha sewwa u ghalhekk il-Qorti ma thossx li tista tkun klementi maghhom fl-ghoti tal-piena.

Il-Qorti rat li z-zewg imputati huma disokkupati u ghalhekk bla ntrojtu finanzjarju u ghalhekk ma thossx li ghandha timponi multa.

Rat li hija prekluza mill-ligi stess milli taghti sentenza ta' prigunerija sospiza, u dan ghaliex huma recidivi.

Rat li l-imputati ma humiex kandidati idoneji sabiex jithallew fil-komunita b'Ufficjal tal-Probation sabiex isegwihom minn barra.

Illi ghalhekk il-Qorti thoss li l-piena idoneja hija dik karcerarja b'ordni ta' supervizzjoni maghhom u dan bl-isperanza li l-Ufficjali tal-Probation jressqu liz-zewg imputati lejn t-triq t-tajba.

Ghalhekk **il-Qorti** wara li rat l-artikoli tal-ligi partikolarment l-artikoli 28, 49, 50, 261(b)(1), 263, 267, 278, 279, 280, 334, 289 tal-Kap 9, l-artikolu 8(1) tal-Kap 101 u l-artikolu 7 u 22 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta’ Malta, **tiddikjara <u>fil-</u>**

**konfront tal-imputat JOSEPH SCERRI li qed issibu hati tal-akkuzi kollha salv dik ta' ricettazzjoni u l-aggravju tal-valur mill-liema akkuza ta' ricettazzjoni u serq aggravat qed tilliberah u tikkudannah ghal piena karcerarja ta' tmintax il-xahar, filwaqt li fil-konfront tal-imputat CHRISTOPHER SPITERI tiddikjara li qed issibu hati tal-akkuza ta' serq semplici u talli hu recidiv u tikkundannah ghal piena karcerarja ta' disgha xhur u tilliberah mill-akkuzi kollha l-ohra.**

**In oltre pero tordna li z-zewg imputati jitpoggew taht ordni ta' probation ghal perjodu massimu ta' tlett snin bl-isperanza li tali Ufficjal tal-Probation jghinhom jindirizzaw il-problema ta' droga li ghandhom.**

**Il-Qorti tordna li kopja ta' din s-sentenza tigi komunikata lid-Direttur tal-Probation Services sabiex jinnomina l-kandidat opportun.**

**Il-Qorti spjiegat liz-zewg imputati probationers l-import ta' din is-sentenza u x'jigri jekk jonqsu li josservawha.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------